

ECHA/NA/12/53

L-ECHA tippubblika l-aħjar Prattiki għall-valutazzjoni kwalitattiva tar-riskji għal saħħet il-bniedem

Il-Gwida Prattika ġdida tgħin sabiex titjeb il-kwalità generali tat-tagħrif ipprezentat fir-rapporti dwar is-sigurtà kimika

Helsinki, l-20 ta' Novembru 2012 – L-ECHA għadha kif ħarġet il-Gwida Prattika 15 dwar "Kif twettaq valutazzjoni kwalitattiva ta' saħħet il-bniedem u tirrapportaha f'Rapport dwar is-Sigurtà Kimika". Hija maħsuba għar-reġistranti ta' REACH, speċjalment dawk li qed iħejju għad-data ta' skadenza tal-2013 tar-REACH.

Il-gwida tassisti lir-reġistranti fit-twettiq ta' karatterizzazzjoni kwalitattiva tar-riskju għal effetti fuq saħħet il-bniedem meta ma jkunx jista' jiġi stabbilit limitu. Tiddeskrivi l-metodoloġiji u l-għodod li jistgħu jiġu applikati, kif jistgħu jintgħażlu l-miżuri xierqa ta' ġestjoni tar-riskji u kif tista' tiġi ddokumentata l-valutazzjoni kwalitattiva f'rapport dwar is-sigurtà kimika. Dawn l-aspetti jintwerew permezz ta' eżempji minn sitwazzjonijiet tipiċi f'postijiet tax-xogħol.

Valutazzjoni kwalitattiva msawra sew għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-użu sikur tas-sustanzi kimiċi, billi jintużaw il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskji li huma xierqa u proporzjonati. It-tagħrif ewlieni mir-rapport dwar is-sigurtà kimika jingħata f'sinteżi fl-iskedi ta' dejta ta' sigurtà estiżi. Meta jiġġeneraw tagħrif affidabbli dwar kif jintużaw is-sustanzi kimiċi mingħajr periklu, ir-reġistranti jkunu qed jikkonformaw mar-rekwiżiti legali tagħhom u jkunu qed jikkontribwixxu sabiex jintlaħaq l-iskop primarju ta' REACH, speċjalment dak li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ta' saħħet il-bniedem u l-ambjent.

Il-Gwida Prattika hija bbażata fuq il-Parti E (Karatterizzazzjoni tar-Riskji) tal-Gwida dwar ir-Rekwiżiti tal-Infurmazzjoni u l-Valutazzjoni tas-Sigurtà Kimika.

Aktar informazzjoni

Gwida Prattika 15 - How to perform a qualitative human health assessment and report it in a Chemical Safety Report (Kif twettaq valutazzjoni tas-sigurtà tal-bniedem f'Rapport dwar is-Sigurtà Kimika):

http://echa.europa.eu/documents/10162/13655/pg_15_qualitative_human_health_assessment_documenting_en.pdf